MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 835/2007/1

**Assocjazzjoni GS1 Malta**

**vs**

**Five Seasons Co. Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta’ Frar, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta` Novembru, 2007 fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lil assocjazzjoni attrici s-somma ta` Lm1,227.20, rapprezentanti kontribuzzjonijiet dovuta ghas-snin 2004, 2005, 2006 u 2007, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` meta gew dovuta kull kontribuzzjoni

> rispettiva li taghlaq fil-31 ta` Marzu, ta` kull sena u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta ngunta in subizzjoni.
>
> It-Tribunal ra n-nota tal-mistoqsijiet ipprezentata mill-assocjazzjoni attrici li giet ipprezentata fil-forma ta` Kapitolu ghas-subizzjoni tad-dirigenti ta` l-istess socjeta` konvenuta.
>
> Ra illi ghalhekk rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta kienu gew debitament notifikati b`dawn il-proceduri, huma naqsu li jidhru kemm fis-seduta ta` l-14 ta` Dicembru, 2007 u kif ukoll ghas-seduta ta` llum u kwindi ghalhekk huma naqsu li jirrispondu ghal domandi lilhom maghmula in subizzjoni. Illi ghalhekk in vista ta` dan in-nuqqas, il-mistoqsijiet maghmula lid-dirigenti tas-socjeta` konvenuta in subizzjoni, ghandhom jittiehdu bhala mistqarra u cioe` ammessi.
>
> Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi ghar-raguni hawn fuq premessa qieghed jirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta` konvenuta u konsegwentement ghalhekk qieghed jilqa` t-talba attrici u kwindi jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lil assocjazzjoni attrici s-somma mitluba ta` €2,858.61 (Euros) gia` Lm1,227.20, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` kull skadenza u cioe` mill-31 ta` Marzu, ta` kull sena relattiva u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.**”**

L-aggravju ewlieni tas-socjeta` konvenuta kontrastanti din is-sentenza jikkonsisti fis-sottomissjoni illi din kienet il-konsegwenza ta’ zball rizultanti mill-atti;

Ghal dak li jirrigwarda l-aggravju hekk dedott il-fatti li johorgu mill-inkartament tal-kaz huma pjuttost semplici, kif ahjar espost *infra*:-

(1) L-ewwel smigh tal-kawza gie ffissat ghall-14 ta’ Dicembru, 2007;

(2) Mill-verbal ta’ din l-udjenza a fol. 13 jinghad li dehru l-avukati difensuri tal-partijiet u li l-Avukat tas-socjeta` konvenuta talab li jkun akkordat il-fakolta li jipprezenta risposta formali. It-Tribunal laqa’ din it-talba, akkordalu tmintax-il (18) jum ghal dak l-iskop, u ddifferixxa l-kawza ghas-6 ta’ Frar, 2008, okkorrendo ghall-provi ta’ l-Assocjazzjoni attrici;

(3) L-atti juru li dik ir-risposta tas-socjeta` konvenuta giet ipprezentata fit-28 ta’ Dicembru, 2007 (fol. 14);

(4) Fis-6 ta’ Frar, 2008 it-Tribunal iddecieda l-kawza seduta stante. Skond il-verbal (fol. 16) jinghad li deher biss l-Avukat ta’ l-Assocjazzjoni attrici u, nonostante li ssejhu, ma deher ebda rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta;

Premessi dawn il-fatti kif registrati fl-atti quddiem it-Tribunal, jirrizulta minn atti ohra illi fl-istess jum ta’ l-ewwel smigh tal-kawza kien hemm ukoll fuq il-lista kawza ohra fl-ismijiet “Assocjazzjoni GS1 Malta -vs- BBQ Centre Limited” (Talba Nru. 859/2007). Hekk ukoll jirrizulta li l-verbal fil-kaz in ezami kien jindika illi gie pprezentat kapitolu (ara fol. 25) u l-kawza differita ghall-11 ta’ Jannar, 2008 ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta. Jidher li dan il-verbal inbidel mir-Registratur tat-Tribunal u ssotitwit b’dak l-iehor aktar ‘il fuq espost fuq senjalazzjoni ta’ l-Avukat Chris Balzan ghas-socjeta` konvenuta. Jidher ukoll minn verbal iehor (fol. 27) ta’ l-istess data ta’ l-14 ta’ Dicembru, 2007 illi kienet dik il-kawza l-ohra li thalliet ghas-6 ta’ Frar, 2008 u mhux dik *de quo*;

Dan premess, l-Assocjazzjoni appellata tikkontendi fir-risposta ta’ l-appell taghha illi l-izball fl-atti taz-zewg kawzi

nholoq bl-intervent ta’ l-Avukat Balzan u li kieku hi *a tempo debito* giet infurmata b’dik il-qaghda krejata b’dawk il-verbali ma kienetx issib oggezzjoni li, wara komunika lit-Tribunal, dawn jigu emendati;

Huwa principju maghruf fid-dritt procedurali illi verbal ta’ Qorti jikkontjeni sintetikament l-attivita` gudizzjali kompjuta dakinhar ta’ l-udjenza. Verbal dan traskritt mir-Registratur taht id-direzzjoni tal-Qorti. Mhux il-kaz allura illi l-verbali jinbiddlu minghajr l-involviment tal-qorti jew tat-tribunal li jkun iddettahom;

Affermat dan, f’dan il-kaz il-Qorti mhix f’qaghda li tghid ezattament x’gara u jekk, allura, il-konfuzjoni mahluqa bid-diversi verbali kontradittorji relattivi ghall-istess kawza gewx hekk krejati fl-ghaggla tal-mument fil-kors ta’ l-udjenza minhabba l-ezistenza taz-zewg kawzi fl-istess lista fejn fihom l-Assocjazzjoni attrici kienet idoneja fit-tnejn, jew kienx ta lok ghalihom l-intervent sussegwenti ta’ Dr. Balzan. Li hu cert, pero` li l-atti ta’ l-istess kawza jikkontjenu verbal wiehed li jawtorizza lis-socjeta` konvenuta tipprezenta r-risposta taghha, kif fil-fatt sar ftit granet wara (28 ta’ Dicembru, 2007) u verbal iehor fejn jinsab registrat li gie pprezentat kapitolu fl-istess jum ta’ l-udjenza ta’ l-14 ta’ Dicembru, 2007 (ara fol. 25);

Naturalment, il-presunzjoni tista’ tkun sew favur u sew kontra s-socjeta` appellanti skond liema miz-zewg verbali jitqies dak l-aktar attendibbli u in korrispondenza ma’ dak li sehh. Ugwalment, dan japplika fil-kaz ta’ l-Assocjazzjoni appellata. Kif gja rilevat izda, il-Qorti mhix f’posizzjoni li tikkonferma jew tiddisdici l-verbal wiehed jew l-iehor. Li tista’ tghid fiz-zgur hu li fl-ipotesi li l-verbal korrett hu dak a fol. 13 s-sentenza pronunzjata gabet lis-socjeta` konvenuta pregudizzju li fic-cirkustanzi ma jistax jissewwa xort’ohra hlief bl-annullament taghha. Ara Artikolu 789 (1) (c), Kapitolu 12;

*Rebus sic stantibus*, in-nullita tidderivi minn vjolazzjoni ritwali tal-kontradittorju billi s-socjeta` appellanti tigi li ma nghatatx l-opportunita`, ghall-iskop tad-definizzjoni retta tal-gudizzju, li tressaq il-provi taghha u li taghmel is-sottomissjonijiet li l-kaz kien jimmerita.  F'dawn ic-cirkustanzi l-Qorti jkollha tasal ghad-deklaratorja tan-nullita tas-sentenza b'dan li jidhrilha wkoll li hu spedjenti li l-atti jigu rinvjati lura lit-Tribunal sabiex il-kawza tigi ttrattata kif imiss, anke ghal beneficcju tad-doppjo ezami.

Ghall-motivi kollha premessi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tannulla s-sentenza appellata u tirrimetti l-atti lura lit-Tribunal ghad-decizjoni mill-gdid tal-mertu quddiemu. L-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu rizervati ghal gudizzju finali.  Dawk ta' l-appell prezenti jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------